

DEĊIŻJONI (UE) 2019/2231 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tal-10 ta' Diċembru 2019****dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2020 (BĊE/2019/40)**

IL-BORD EŻEKUTTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 128(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2015/2332 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Diċembru 2015 dwar il-qafas proċedurali għall-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti tal-euro (BĊE/2015/43) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 (9) tagħha,

Billi:

- (1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklussiv sa mill-1 ta' Jannar 1999 biex japprova l-volum ta' muniti maħruġin mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (minn hawn' il quddiem "Stati Membri taż-żona tal-euro").
- (2) Id-19-il Stat Membru taż-żona tal-euro bagħtu lill-BĊE it-talbiet tagħhom għall-approvazzjoni tal-volum ta' muniti li għandhom jinħarġu fl-2020, supplimentati minn noti ta' spjegazzjoni dwar il-metodoloġija tat-tbassir. Uħud minn dawn l-Istati Membri pprovdew ukoll informazzjoni addizzjonali rigward il-muniti għaċ-ċirkolazzjoni, fejn tali informazzjoni hija disponibbli u meqjusa importanti mill-Istati Membri kkonċernati biex tissostanzja t-talba ta' approvazzjoni.
- (3) Peress li d-dritt tal-Istati Membri taż-żona tal-euro li joħorġu muniti tal-euro huwa soġġett għall-approvazzjoni mill-BĊE tal-volum tal-ħruġ, skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (UE) 2015/2332 (BĊE/2015/43) il-volumi approvati mill-BĊE ma jistgħux jinqabżu mill-Istati Membri mingħajr approvazzjoni minn qabel mill-BĊE.
- (4) Skont l-Artikolu 2(9) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/2332 (BĊE/2015/43), minħabba li ma hi meħtieġa l-ebda modifika tal-volum mitlub ta' ħruġ ta' muniti, il-Bord Eżekuttiv għandu s-setgħa li jadotta din id-deċiżjoni dwar it-talbiet għall-approvazzjoni għall-volum tal-ħruġ ta' muniti fl-2020 ippreżentati mill-Istati Membri taż-żona tal-euro,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "volum ta' ħruġ ta' muniti" tfisser volum ta' ħruġ ta' muniti kif iddefinit fil-punt 3 tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2015/2332 (BĊE/2015/43);
- (b) "muniti għaċ-ċirkolazzjoni" tfisser muniti għaċ-ċirkolazzjoni kif iddefinit fil-punt 1 tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 729/2014 ⁽²⁾;
- (c) "muniti għall-kollekturi" tfisser muniti għall-kollekturi kif iddefiniti fil-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 651/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾.

*Artikolu 2***Approvazzjoni tal-volum ta' muniti tal-euro li għandhom jinħarġu fl-2020**

Il-BĊE b'dan japprova l-volum ta' muniti tal-euro li għandhom jinħarġu mill-Istati Membri taż-żona tal-euro fl-2020 kif stabbilit fit-tabella li ġejja:

⁽¹⁾ ĠU L 328, 12.12.2015, p. 123.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 729/2014 tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 194, 2.7.2014, p. 1).⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 651/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ħruġ tal-muniti tal-euro (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 135).

	Volum ta' muniti euro approvati għall-ħruġ fl-2020		
	Muniti fiċ- ċirkolazzjoni	Muniti għall- kollezzjonisti (mhux intiżi għaċ- ċirkolazzjoni)	Volum ta' ħruġ ta' muniti
	(EUR miljun)	(EUR miljun)	(EUR miljun)
Il-Belġju	59,0	1,0	60,0
Il-Ġermanja	412,0	209,0	621,0
L-Estonja	10,1	0,3	10,4
L-Irlanda	10,5	0,5	11,0
Il-Greċja	119,1	0,7	119,8
Spanja	357,3	30,0	387,3
Franza	224,0	50,0	274,0
L-Italja	174,0	2,7	176,7
Ċipru	12,0	0,1	12,1
Il-Latvja	8,3	0,2	8,5
Il-Litwanja	22,0	0,7	22,7
Il-Lussemburgu	14,6	1,0	15,6
Malta	9,4	0,2	9,6
In-Netherlands	17,0	3,0	20,0
L-Awstrija	71,5	153,5	225,0
Il-Portugall	61,1	2,1	63,2
Is-Slovenja	23,0	1,0	24,0
Is-Slovakkja	19,0	1,2	20,2
Il-Finlandja	15,0	10,0	25,0

Artikolu 3

Effettività

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lid-destinatarji.

Artikolu 4

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri taż-żona tal-euro.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-10 ta' Diċembru 2019.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE